



Brussell, 24 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11422/24

CONUN 140	DEVGEN 96
ONU 83	SUSTDEV 74
COHOM 143	ENV 679
CFSP/PESC 996	CLIMA 257
COPS 383	COHAFA 43
CSDP/PSDC 487	MIGR 290
CONOP 46	SAN 389
COTER 136	CYBER 205
COAFR 236	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul id-79 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2024 – Settembru 2025

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul id-79 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2024 – Settembru 2025, adottati mill-Kunsill fl-4038 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Ġunju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul id-79 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2024 – Settembru 2025¹

1. L-UE tindirizza d-79 Assemblea Ġenerali fi spirtu ta' determinazzjoni mġedda biex tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali bbażati fuq il-Karta tan-NU u biex tagħmilhom jaħdmu għall-ġid ta' kulħadd.
2. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw ir-rieda tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal "paċi fid-dimensjonijiet kollha tagħha" u jappellaw għal kooperazzjoni internazzjonali għal dak l-għan. Aħna impenjati li naħdmu b'mod kostruttiv ma' pajjiżi u sħab f'fora multilaterali, permezz ta' djalogu, fehim reċiproku u rispett biex insibu soluzzjonijiet komuni.
3. Hemm riskju li l-urġenzi li jinsabu madwarna illum jieħdu preċedenza fuq l-għanijiet tagħna ta' żvilupp aktar fit-tul. Neħtieġu impenn mill-ġdid u kunsens imġedded biex naċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Filwaqt li tirrikonoxxi r-rabta intrinsika bejn il-paċi u l-iżvilupp, l-UE ser taċċellera l-isforzi biex twettaq l-Aġenda 2030 u tikseb l-SDGs.
4. Il-gravità tal-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis, toħloq theddida globali u eżistenzjali u taggrava t-tħassib eżistenti dwar is-sigurtà. L-UE hija impenjata li taħdem mas-sħab biex taċċellera tranżizzjoni ekoloġika globali, ġusta u inklużiva kif stabbilit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2024 dwar id-Diplomazija Ekoloġika u biex tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli.
5. L-UE tqis is-Summit tal-Futur bħala pass kritiku għas-sistema multilaterali u qed tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fir-rigward ta' Patt ambizzjuż għall-Futur. Il-kontribut tal-UE huwa allinjat mal-prijoritajiet tagħna għal din is-sessjoni u jirrifletti l-għan tagħna li nħarsu u nirriformaw il-multilateraliżmu sabiex jaħdem sew għal kulħadd, ikun adattat għall-futur, u jirrifletti aħjar id-dinja tal-lum.

¹ F'dan id-dokument kollu, l-użu ta' "UE" ma jippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-kompetenza hijiex tal-"UE", tal-"UE u l-Istati Membri tagħha" jew esklużivament tal-"Istati Membri".

6. Dawn il-prijoritajiet ser jirfdu l-azzjoni tal-UE fin-NU matul is-sena li ġejja:

- I. Impenn mill-ġdid għall-pedamenti ta' ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, inkluż id-drittijiet tal-bniedem;
- II. Appoġġ għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali;
- III. Avvanz tal-iżvilupp sostenibbli u l-finanzjament għall-iżvilupp;
- IV. Indirizzar tal-kriżi planetarja tripla;
- V. Trawwim tal-fiduċja permezz ta' sistema multilaterali aktar effettiva.

I. Impenn mill-ġdid għall-pedamenti ta' ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, inkluż id-drittijiet tal-bniedem

7. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jiddefendu sistema multilaterali li tkun f'konformità mar-regoli u l-prinċipji tal-Karta tan-NU u mad-**Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem** (UDHR) u ser jopponu kwalunkwe sforz biex din tiġi mminata jew imdgħajfa. Aħna nfittxu li nipromwovu u niddefendu d-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li huwa l-pedament tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u jippermetti relazzjonijiet kooperattivi bejn l-Istati u l-popli. Il-multilateraliżmu huwa l-ekwivalenti internazzjonali ta' kuntratt soċjali demokratiku. L-UE hija impenjata għal riforma tal-governanza globali u ser tmexxi fl-implimentazzjoni u r-rispett tal-istat tad-dritt, in-normi internazzjonali, u l-ftehimiet li jipprovdu beni pubbliċi globali u jipproteġu ġenerazzjonijiet futuri.

8. Filwaqt li tfakkar fil-prinċipju tal-universalità, l-indiviżibbiltà, l-interdipendenza u l-interrelazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-UE ser tkompli taħdem fuq it-tisħiħ tar-rispett, il-protezzjoni, u t-twettiq tad-**drittijiet tal-bniedem** kollha u tiddefendi l-universalità tagħhom – kemm jekk ikunu ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali jew kulturali. Ser nagħtu attenzjoni partikolari lil persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u ser infittxu l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, sabiex jintlaħaq dan l-għan. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati kollha biex jinvolvu ruħhom bis-sħiħ fis-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU. L-UE ser tippromwovi b'mod vigoruż u żżid l-isforzi internazzjonali favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-avvanz u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħha. Dan huwa aktar u aktar meħtieġ fi żminijiet meta d-dinja qed tiffaċċa rifjut globali tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u meta t-twettiq tal-SDG5 ma jinsabx fit-triq it-tajba. L-UE ser tkompli tqiegħed il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fil-qalba tal-isforzi tagħha. L-UE ttenni l-impenn tagħha għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, għad-dritt tal-persuni kollha li jgawdu l-firxa sħiħa ta' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, u għall-protezzjoni ta' dawk li huma f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati, inkluż persuni b'diżabbiltà u persuni akbar fl-età. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha li tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni LGBTI. L-UE ser tkompli tippromwovi d-drittijiet tal-Popli Indiġeni kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tibbaża l-azzjonijiet tagħha fuq il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2024 dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem.
9. Il-**għlieda kontra l-impunità** u l-iżgurar tad-drittijiet tal-vittmi, kif ukoll l-**irfigħ tar-responsabbiltà** għar-reati internazzjonali u għall-ksur tad-dritt internazzjonali, huma prijoritajiet għall-politika barranija tal-UE, irrispettivament minn fejn iseħħu jew il-kuntest li fih iseħħu. Jekk ma jkun hemm l-ebda konsegwenza għall-ksur, titrawwem l-impunità u l-ksur jerġa' jseħħ. L-UE tqis ukoll li huwa importanti li tiġi onorata l-memorja tal-vittmi, inkluż il-vittmi tat-terroriżmu u ta' atti ta' vjolenza bbażati fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, u li dawn jingħataw vuċi. Dan jista' jgħin biex titqajjem kuxjenza, tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, u jissaħħu l-valuri demokratiċi.

10. L-UE ttenni l-appoġġ qawwi tagħha għall-**Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja** (QIĠ) bħala wieħed mill-pilastru ewlenin tas-sistema ġudizzjarja internazzjonali. L-UE tfakkar li l-ordnijiet u d-deċiżjonijiet tal-QIĠ huma vinkolanti għall-Partijiet fit-tilwima.
11. L-UE ttenni wkoll l-appoġġ qawwi tagħha għall-**Qorti Kriminali Internazzjonali** (QKI) u tfakkar li l-Istati Parti għall-Istatut ta' Ruma għandhom obbligu li jikkooperaw bis-siġġ mal-QKI fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni tagħha ta' reati fil-ġurisdizzjoni tagħha, inkluż fl-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest. L-UE tappoġġa wkoll il-bini tal-kapaċità u tal-istituzzjonijiet fil-livell nazzjonali u l-isforzi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali bħall-Konvenzjoni ta' Ljubljana-The Hague biex tiġi żgurata l-prosekuzzjoni effettiva ta' reati internazzjonali kif ukoll il-ġustizzja tranżizzjonali. L-UE tissottolinja l-importanza ta' mekkaniżmi internazzjonali u reġjonali li jaħdmu fuq il-promozzjoni, il-protezzjoni u l-monitoraġġ tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari, l-Uffiċċju tal-**Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem**. L-UE tfakkar fl-importanza vitali li jiġu żgurati u mħarsa l-indipendenza u l-imparzjalità tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji, inkluż fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
12. L-UE tibqa' impenjata bis-siġġ li tappoġġa r-rwol tan-NU fil-koordinazzjoni tar-rispons **umanitarju** internazzjonali għall-emerġenzi, stabbilit bir-Riżoluzzjoni 46/182 tal-AĠNU tal-1991. L-UE ser tkompli taħdem biex tissalvagwardja l-ispazju umanitarju billi tippermetti u tiffaċilita aċċess rapidu u mingħajr xkiel għall-persuni fil-bżonn, filwaqt li tiggarantixxi l-protezzjoni tal-persunal umanitarju, u tiżgura r-rispett għall-prinċipji umanitarji tal-imparzjalità, in-newtralità, l-indipendenza u l-umanità. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni speċjali lil dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż il-persuni b'diżabbiltà. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu biex inaqqsu d-distakk dejjem jikber bejn il-ħtiġijiet umanitarji u l-finanzjament disponibbli, u jimpenjaw ruħhom mill-ġdid għall-prijoritajiet stabbiliti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2023 dwar l-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju.

II. Appoġġ għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali

13. Iż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali hija għan primarju tan-NU, li għalih impenjaw ruħhom il-193 membru kollha. Madankollu, illum, il-konflitti qed iseħħu kważi fil-kontinenti kollha, ikkaratterizzati minn ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali. Mhuwix aċċettabbli li l-popolazzjoni ċivili u l-oġġetti ċivili, il-ħaddiema umanitarji, u l-ġurnalisti jkunu dejjem aktar fil-mira; li n-nisa u l-bniet ikompli jbatu b'mod sproporzjonat; u li l-aċċess umanitarju sikur, rapidu u mingħajr xkiel qed jiġi sfidat jew użat dejjem aktar bħala pedina fin-negozjar. L-UE ser tkompli tiddefendi d-drittijiet tat-tfal billi tipprijoritizza l-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza, inkluż f'konflitt armat.
14. L-UE tappella għal impenn mill-ġdid għall-Karta tan-NU fl-intier tagħha u għal **Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU) riformat** li jkun jista' jwettaq aħjar il-mandat tiegħu. Infaħħru l-ħidma tal-Assemblea Ġenerali tan-NU (AĠNU) fi kwistjonijiet pertinenti għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-10 u l-11-il Sessjoni Speċjali ta' Emerġenza tagħha, u relatati mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 76/262 dwar mandat permanenti għal dibattitu tal-Assemblea Ġenerali meta jintuża veto fil-Kunsill tas-Sigurtà.
15. Issa fit-tielet sena tagħha, **il-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna** qed tkompli tikkawża impatt qawwi primarjament fuq il-poplu Ukren, b'effetti konsegwenzjali li jinħassu fir-reġjun usa' u madwar id-dinja. Nikkundannaw l-azzjonijiet tar-Russja biex tiddestabbilizza l-arkitettura globali għaż-żamma tal-paċi u s-sigurtà, inkluż l-istrumenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jirrispettaw l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, jappoġġaw lill-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn, u jaħdmu biex jiżguraw l-irfiġh tar-responsabbiltà b'mod sħiħ għar-reati. Paċi komprensiva, ġusta u dejjiema, konsistenti mal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, tibqa' prijorità soda. L-UE tilqa' l-Komunikat Konġunt dwar Qafas għall-Paċi adottat fis-Summit dwar il-Paċi fl-Ukrajna, li sar fl-Iżvizzera fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2024. F'konformità mal-Komunikat Konġunt, l-UE hija lesta tappoġġa passi konkreti, ibbażati fuq il-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali.

16. Is-sitwazzjoni f'**Gaża u fil-Lvant Nofsani**, wara l-attakki terroristiċi brutali u indiskriminati ta' Ottubru 2023 mill-Ħamas, hija waħda mill-konsegwenzi umanitarji katastrofiċi u ser tkompli teħtiegħ l-attenzjoni urġenti tagħna. L-UE tinsab ixxukkjata bit-telf bla preċedent ta' ħajjiet ċivili, speċjalment ta' tfal. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrepetu l-pożizzjoni tagħhom kif stabbilita fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu u April 2024. Jenħtiegħ li jittieħdu miżuri urġenti u dejjiema biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni umanitarja devastanti, inkluż l-esponiment għall-karestija, ikkawżata mid-dħul insuffiċjenti tal-għajnuna f'Gaża. Il-QIĠ għamlitha ċara fl-ordnijiet tagħha, u dawn jeħtiegħ li jiġu implimentati bis-sħiħ. L-impenn kostruttiv ta' Iżrael man-NU, inkluż mal-aġenziji tagħha, huwa kruċjali. L-UE tilqa' r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, filwaqt li tfakkar fin-natura vinkolanti tagħhom, u tissottolinja l-impenn sod tagħha biex tinstab soluzzjoni politika għall-konflitt lejn paċi dejjiema u sostenibbli abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ stati għax il-Palestinjani u l-Iżraeljani għandhom l-istess dritt li jgħixu fis-sikurezza, id-dinjità u l-paċi. L-UE ser tkompli taħdem mas-sħab reġjonali u internazzjonali biex tipprevjeni eskalazzjoni reġjonali ulterjuri, b'mod partikolari fil-Libanu u l-Baħar l-Aħmar.
17. L-UE ser tkompli tiffoka bl-istess mod fuq **konflitti u ksur u abbużi oħra tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja**, inkluż dawk fis-Sudan, fil-Lvant tar-RDK u fis-Somalja, fejn il-popolazzjonijiet ċivili jinsabu fil-mira krudili ta' atturi vjolenti u l-ġuħ ikkawżat mill-konflitt huwa mifrux. Iċ-ċaħda tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari tan-nisa u l-bniet, mit-Taliban fl-Afganistan u l-konflitti mtawla fil-Jemen, is-Sirja, il-Haiti u l-Burma/Myanmar ukoll jeħtiegħu l-attenzjoni urġenti tagħna. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġa lill-poplu tar-reġjun tas-Saħel u ser tkompli taħdem mas-sħab u l-organizzazzjonijiet reġjonali, primarjament l-ECOWAS, billi tiffoka l-isforzi fuq l-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-konflitt, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex jiġi evitat li l-konflitti lokali jeskalaw, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti hekk kif ikomplu jinfirxu. F'dan il-kuntest, l-UE ser tkompli wkoll tiddedika sforzi u attenzjoni għas-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Mozambique.

18. L-UE tappoġġa l-**Aġenda l-Ġdida għall-Paċi** tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, b'mod partikolari l-enfasi mġedda tagħha fuq il-**prevenzjoni tal-konflitti** u ż-żamma tal-paċi bħala obbligu universali, b'sett ta' għodod imsaħħa tan-NU. L-UE tissekonda l-enfasi fuq il-bon offiċji u l-medjazzjoni biex jiġu appoġġati l-proċessi politiċi. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, flimkien mal-Karta tan-NU u l-UDHR, tikkostitwixxi l-aħjar mod li bih jistgħu jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-konflitt u tiġi promossa kultura inklużiva ta' paċi. Bl-istess mod, jenħtieġ li nindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn il-klima, il-paċi u s-sigurtà u nimplimentaw bis-sħiħ l-Aġendi dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, iż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà, u t-Tfal u l-Konflitt Armat permezz ta' sforzi konġunti, filwaqt li niżguraw l-inklużjoni tagħhom fil-Patt għall-Futur.
19. Ir-**Rieżami tal-2025 tal-Arkitettura tal-Konsolidazzjoni tal-Paċi** huwa opportunità biex jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenda l-Ġdida għall-Paċi u l-Patt għall-Futur. Ir-rieżami għandu jtejjeb il-koordinazzjoni fir-rabta bejn l-aspett umanitarju, tal-iżvilupp u dak tal-paċi u jeżamina l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet 76/305 u 78/257 tal-AĠNU dwar il-finanzjament għall-konsolidazzjoni tal-paċi, inkluż matul it-tranżizzjonijiet u l-irtitar ta' missjoni, filwaqt li jirrikonoxxi li l-finanzjament ivvalutat mhuwiex maħsub bħala sostitut għal kontribuzzjonijiet volontarji u finanzjament innovattiv. L-UE ser taħdem favur l-implimentazzjoni sħiħa tal-mandat eżistenti tal-**Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi** biex trawwem interkonnessjonijiet aħjar fost it-tliet pilastri tan-NU u taħdem fuq il-prevenzjoni tal-konflitti, inkluż permezz ta' strateġiji nazzjonali ta' prevenzjoni. Il-**Fond tan-NU għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi** jeħtieġ li jkun iffinanzjat b'mod adegwat, prevedibbli u sostenibbli mill-Istati Membri tan-NU billi l-użu tal-baġit regolari tan-NU waħdu mhux ser jimla l-vojt fil-finanzjament.

20. **L-Operazzjonijiet ta' Paċi tan-NU**, inkluż l-Operazzjonijiet taż-Żamma tal-Paċi u l-Missjonijiet Politiċi Speċjali huma għodod kritiċi biex jinżammu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Jeħtieġ li jkunu adatti għall-fini tagħhom u jintużaw b'mandati ċari, iffokati u prijoritizzati, u jkollhom strateġiji ta' ħruġ u pjanijiet ta' tranżizzjoni vijabbli. Dawn jiffaċċaw sfidi dejjem aktar kumplessi u jeħtieġu taħriġ kontinwu biex ikunu jistgħu jadattaw u jirrispondu b'mod xieraq. Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Azzjoni dwar iż-Żamma ta' Paċi (A4P) u l-inizjattivi A4P+ għandha tkompli. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-**riżoluzzjoni 2719 tal-KSNU**, li tippermetti l-użu tal-kontribuzzjonijiet ivvalutati min-NU biex jiffinanzjaw sa 75 % tal-Operazzjonijiet ta' Appoġġ għall-Paċi mmexxija mill-Unjoni Afrikana awtorizzati mill-KSNU u ser tesplora għażliet biex tappoġġa l-implimentazzjoni tagħha. Il-kontribuzzjonijiet ivvalutati tal-Istati Membri tal-UE jammontaw għal 23.5 % tal-baġit tan-NU għaż-żamma tal-paċi fl-2024. L-UE hija s-sieħba ewlenija tal-Unjoni Afrikana għall-paċi u s-sigurtà.
21. Hemm bżonn li nkunu mġhamra aħjar biex **nindirizzaw it-theddid u l-isfidi li qed jevolvu**, konxji wkoll mid-dimensjoni tal-ġeneru ta' theddid bħal dan. Dan ser jirrikjedi kooperazzjoni aktar b'saħħha għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità tranżnazzjonali u organizzata, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, id-drogi illeċiti, it-traffikar tal-bnedmin, il-kriminalità ambjentali, u t-theddid li jirriżulta minn teknoloġiji ibridi, ċibernetiċi, ġodda u emerġenti, inkluż l-intelliġenza artifiċjali (IA), kif ukoll theddid li jirriżulta mill-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni. It-tisħiħ tal-kapaċità ta' prospettiva tagħna biex nipprevjenu, nirreaġixxu malajr u niġġestixxu sitwazzjonijiet ta' kriżi, filwaqt li nqisu r-rikonoxximent dejjem jikber tar-rabta bejn it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u l-paċi u s-sigurtà, huwa importanti wkoll. L-UE ser taħdem ukoll mas-sħab lejn strateġija globali għall-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin.
22. Fl-ispirtu tal-Aġenda l-Ġdida għall-Paċi, l-UE ser tkompli tiddefendi, tipproteġi u ssaħħa il-qafas multilaterali għad-**diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi**, li qed jiddgħajef kontinwament minħabba ksur tan-normi tiegħu u l-imblukkar parzjali tal-ħidma fil-fora rilevanti. It-tisħiħ tal-qafas multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjoni ta' armi u oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju huwa kruċjali għall-prevenzjoni ta' deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni tas-sigurtà globali. L-UE tirrikonoxxi r-rwol kruċjali tar-reġimi multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjoni kemm fin-nonproliferazzjoni kif ukoll fl-użi paċifiċi ta' oġġetti kkontrollati.

23. L-UE tibqa' impenjata għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tat-**Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni Nukleari**, li jibqa' l-pedament essenzjali tar-reġim globali tan-nonproliferazzjoni nukleari, il-pedament essenzjali għall-kisba tad-diżarm nukleari u element importanti fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-enerġija nukleari għal finijiet paċifiċi. L-UE tiddeplora d-deċiżjoni tar-Russja li tirrevoka r-ratifika tagħha tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari, billi dan ser ikompli jdewwem id-dħul fis-seħħ tiegħu. L-UE ser tkompli tappoġġa u ssaħħa aktar l-istrumenti multilaterali kontra l-użu tal-**armi kimiċi u bijoloġiċi**, sabiex tinżamm il-projbizzjoni legali internazzjonali ta' armi bħal dawn, u biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda impunità għal dawk li jużawhom.
24. L-UE ser tkompli wkoll tappoġġa **l-istrumenti ta' kontroll tal-armi konvenzjonali**, b'enfasi fuq il-kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) u l-projbizzjoni kontra l-mini kontra l-persunal, peress li l-konferenzi ta' rieżami tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar is-SALW u l-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini Kontra l-Persunal huma skedati għall-2024. L-UE ser tkompli tivvaluta l-opportunitajiet u l-isfidi emerġenti, inkluż dawk relatati mal-użu ta' teknoloġiji emerġenti, jiġifieri fir-rigward ta' sistemi ta' armi awtonomi letali fil-qafas tal-kuntest tal-Konvenzjoni dwar Ċerti Armi Konvenzjonali. L-UE tappoġġa wkoll l-użu militari responsabbli ta' teknoloġiji ġodda, inkluż l-IA.
25. L-UE tissottolinja l-importanza tal-konformità mad-dritt internazzjonali eżistenti applikabbli għall-**ispazju**, bit-Trattat dwar l-Ispazju Extratmosferiku fil-qalba tiegħu. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-universalizzazzjoni tat-Trattat dwar l-Ispazju Extratmosferiku tal-1967 u l-konformità sħiħa miegħu, u ser jippromwovu l-adozzjoni ta' normi ta' mġiba responsabbli biex tiġi evitata tellieqa tal-armi fl-ispazju ekstratmosferiku. L-UE tappoġġa t-tisħiħ tal-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet tal-Ispazju Extratmosferiku u tirrikonoxxi r-rwol tal-Kumitat dwar l-Użu Paċifiku tal-Ispazju Extratmosferiku bħala l-korp prinċipali tan-NU li jittratta l-kooperazzjoni internazzjonali fl-użi paċifiċi tal-ispazju extratmosferiku.

III. Avvanz tal-iżvilupp sostenibbli u l-finanzjament għall-iżvilupp

26. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw bis-sħiħ is-sejħa tas-Summit tal-SDGs tal-2023 għal azzjoni aċċellerata biex **jintlaħqu l-SDGs**, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Politika. F'dan ir-rigward, il-finanzjament għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa jibqa' indispensabbli għas-suċċess tal-SDGs u l-benesseri tal-komunità globali tagħna. L-UE ser tkompli tapplika approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-iżvilupp sostenibbli u ttenni li t-twettiq sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem kollha huwa prinċipju fundamentali tal-Aġenda 2030 u essenzjali għall-kisba ta' żvilupp inklużiv u sostenibbli li ma jħalli lil ħadd jibqa' lura. Nirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti li tinbena reżiljenza għall-kriżijiet u l-isfidi li qed ixekklu l-progress fl-SDGs, b'mod partikolari fl-aktar kuntesti fraġli.
27. Bħala l-akbar fornitur ta' **Għajjuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA)**² fid-dinja, l-UE u l-Istati Membri tagħha jissottolinjaw ir-rwol ewlieni tagħha fil-kontribut għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-kapaċità tagħha li tingrana sorsi pubbliċi u privati oħra ta' finanzjament. Permezz tal-**Global Gateway**, l-UE u l-Istati Membri tagħha, li jaħdmu f'approċċ Tim Ewropa, flimkien mal-istituzzjonijiet finanzjarji u s-settur privat, jappoġġaw lill-pajjiżi sħab fil-promozzjoni tal-awtonomija strateġika tagħhom stess u fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tagħhom, filwaqt li jrawmu t-trasport, ir-riżorsi għas-saħħa, l-edukazzjoni u r-riċerka. Il-Global Gateway itejjeb ukoll il-kundizzjonijiet għal investimenti ta' kwalità permezz ta' assistenza teknika, djalogu ta' politika, ftehimiet kummerċjali u ta' investiment, u oqfsa ta' standardizzazzjoni u regolatorji, sabiex jiġi sfruttat finanzjament addizzjonali għall-SDGs.

² Fejn EUR 95.9 biljun jammontaw għal madwar 42 % tal-ODA globali fl-2023 (abbażi ta' data preliminari tal-OECD ippubblikata f'April 2024)

28. L-UE tibqa' impenjata għall-promozzjoni ta' governanza tajba u istituzzjonijiet b'saħħithom fil-livelli kollha bħala faċilitaturi ewlenin tal-iżvilupp sostenibbli, il-paċi u s-sigurtà u tappoġġa riformi lejn **arkitettura finanzjarja internazzjonali** aktar inklużiva u rappreżentattiva. Is-Summit tal-Futur u r-raba' konferenza internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp huma opportunitajiet vitali biex jitmexxew 'il quddiem ir-riformi tal-istrutturi ta' governanza globali u biex dawn jiġu adattati għas-seklu 21. L-UE u l-Istati Membri tagħha jilqgħu inizjattivi li jikkontribwixxu għal riforma ambizzjuża, bħall-Konferenza ta' Hamburg dwar is-Sostenibbiltà jew il-Patt ta' Pariġi għan-Nies u l-Pjaneta.
29. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jeħtieġ li jkollhom rwol ewleni fil-**mobilizzazzjoni tal-flussi finanzjarji privati** fuq skala kbira orjentati lejn l-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni sostenibbli. L-UE tappoġġa l-iżvilupp ta' mudelli operattivi u għodod ta' finanzjament innovattivi biex tiżdied il-mobilizzazzjoni tas-setturi privati – bħall-Inizjattiva Globali tal-Bonds Ekoloġiċi, jew iċ-Ċentru ta' Konsulenza għall-Finanzi Sostenibbli. L-UE tilqa' l-Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati mmexxija mill-pajjiżi bħala mod kif jiġi mobilizzat u allinjat kemm il-finanzjament pubbliku kif ukoll dak privat mal-SDGs, f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali.
30. L-UE hija impenjata għar-riforma tal-**Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali** (IFIs) u l-**Banek Multilaterali tal-Iżvilupp** (MDBs), inkluż aktar koordinazzjoni bejn is-sistema tan-NU u l-MDBs. L-UE tappoġġa r-riforma tal-MDBs biex iwettqu b'mod aktar effettiv il-missjonijiet tagħhom bl-għan li jeqirdu l-faqar estrem u jagħtu spinta lill-prosperità kondiviża filwaqt li jindirizzaw sfidi globali bħat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, u t-tniġġis. L-UE tappoġġa MDBs "aħjar, aktar kuraġġużi u akbar", inkluż permezz tat-tisħiħ tal-effettività operazzjonali u l-effiċjenza tal-użu tal-kapital permezz tal-ottimizzazzjoni tal-karta tal-bilanċ, mingħajr ma jitilfu l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu finanzjarju "AAA" tagħhom, biex jespandu l-kapaċità ta' self finanzjarju għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll biex iżidu l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat u tar-riżorsi domestiċi. L-UE tfaħħar lill-Grupp tal-Bank Dinji dwar il-progress li sar fir-rigward tal-Pjan Direzzjonali tiegħu dwar l-Evoluzzjoni. L-UE hija impenjata li tiżgura li l-progress miksub s'issa jkun rifless b'mod adegwat fil-Patt għall-Futur, u b'hekk tikkontribwixxi għall-kisba tal-SDGs u biex il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

31. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappellaw għal riforniment ambizzjuż tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp (IDA21) biex jiġu indirizzati l-**ħtiġijiet ta' finanzjament konċessjonali** u l-isfidi globali li jiffaċċjaw l-ifqar pajjiżi. Il-MDBs għandhom iżidu l-enfasi tagħhom fuq l-appoġġ lill-pajjiżi sħab fit-titjib u l-irfinar tal-Mobilizzazzjoni tar-Riżorsi Domestiċi (DRM) u r-riformi tat-tassazzjoni progressiva kif ukoll fuq il-ġestjoni finanzjarja pubblika. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw sħubija u kooperazzjoni aktar b'saħħithom fost l-MDBs, speċjalment fil-livell tal-pajjiżi, anke f'kooperazzjoni mal-**Fond Monetarju Internazzjonali** (FMI) u atturi rilevanti oħra.
32. L-Istati Membri tal-UE jibqgħu impenjati għall-mobilizzazzjoni u t-twettiq b'mod volontarju tad-**Drittijiet Speċjali ta' Prelevament** (SDRs) għall-Fond Fiduċjarju għat-Tnaqqis tal-Faqar u t-Tkabbir u l-Fond Fiduċjarju għar-Reżiljenza u s-Sostenibbiltà. L-UE tfaħħar il-kisba tar-ridirezzjonar ta' USD 100 biljun ta' kontribuzzjonijiet volontarji f'SDRs jew ekwivalenti minn pajjiżi avvanzati għal dawk vulnerabbli stabbiliti mill-G20 fl-2021 u mwettqa fis-Summit għal Patt Finanzjarju Globali ġdid fl-2023. Din l-inizjattiva kuraġġuża ttiprovdi riżorsi vitali biex jissaħħu l-ekonomiji quddiem sfidi urġenti. L-Istati Membri tal-UE wiegħdu USD 35.6 biljun għall-Fondi Fiduċjarji tal-FMI. Aħna nħeġġu lill-pajjiżi kollha biex iwettqu l-wegħdiet tagħhom u l-pajjiżi f'pożizzjoni li jagħmlu dan biex ikomplu jsegu l-isforzi ta' ridirezzjonar.
33. L-UE tappoġġa bil-qawwa l-proċess ta' riforma tas-**Sistema ta' Żvilupp tan-NU** (UNDS). Wieħed mill-elementi ewlenin tagħha – Sistema ta' Koordinaturi Residenti (RCS) imsaħħa mill-ġdid – qed turi li hija effettiva fil-ħolqien ta' kooperazzjoni aktar koerenti bejn l-UE u n-NU fil-livell tal-pajjiżi. Madankollu, għadhom meħtieġa sforzi, inkluż finanzjament adegwat, prevedibbli u sostenibbli għas-sistema tal-Koordinaturi Residenti. Ir-Rieżami Kwadriennali Komprensiv tal-Politika l-ġdid tal-qafas tal-attivitajiet operazzjonali tas-sistema tan-NU għandu jsaħħaħ il-koerenza fis-sistema kollha u l-orjentazzjoni tal-għanijiet għat-twettiq tal-UNDS fil-kuntest tal-Aġenda 2030 u l-Karta tan-NU.
34. Il-**kriżi tal-likwidità tan-NU** qed ikollha impatt fuq id-dipartimenti kollha tagħha u qed ixxekkel it-twettiq tal-mandat tagħha. Il-finanzjament sostenibbli tal-istituzzjonijiet multilaterali għandu jiġi żgurat. L-Istati Membri tal-UE huma impenjati li jħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom bis-sħiħ, fil-ħin u mingħajr kundizzjonijiet.

35. L-UE tappoġġa **arkitettura tas-saħħa globali** b'saħħitha, b'WHO responsabbli, iffinanzjata b'mod sostenibbli, u effettiva fil-qalba tagħha. Ser nibnu fuq id-dikjarazzjonijiet politiċi adottati matul il-Ġimgħa ta' Livell Għoli tal-AĠNU hekk kif niffukaw fuq ir-reżistenza għall-Antimikrobiċi, li ser tiġi indirizzata f'Laqgħa ta' Livell Għoli f'Settembru 2024. Nilqgħu l-ftehim reċenti ta' emendi kritiċi għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa, u ntennu l-impenn qawwi tagħna li nilħqu eżitu b'suċċess tan-negożjati li għaddejjin għal strument legalment vinkolanti ambizzjuż dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji.

IV. L-indirizzar tal-kriżi planetarja tripla

36. L-UE tesprimi tħassib kbir li l-Partijiet għall-**Ftehim ta' Pariġi** kollettivament għadhom mhumie x fit-triq it-tajba biex jilħqu l-għanijiet tiegħu u tappella għall-implimentazzjoni sħiħa tiegħu, inkluż il-limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura għal 1.5 °C. Wara t-28 Konferenza tan-NU dwar il-Klima, l-UE tappella wkoll lis-sħab kollha biex isegwu l-implimentazzjoni tal-eżitu tal-ewwel Rendikont Globali skont il-Ftehim ta' Pariġi, inkluż fost l-oħrajn it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili. Huwa kruċjali li l-partijiet kollha jaħdmu fuq Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali aktar ambizzjużi b'miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha allinjati mal-limitu ta' 1.5 °C u l-Pjanijiet Nazzjonali ta' Adattament. Daqstant ieħor importanti hija l-ħidma favur għan kwantifikat kollettiv ġdid dwar il-finanzjament għall-klima li għandu jiġi stabbilit fil-COP29 li jiżblokka s-sorsi kollha ta' finanzjament u jallinja l-flussi finanzjarji mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. L-UE tistieden lis-sħab biex ikomplu r-riflessjoni globali dwar il-finanzjament sostenibbli ta' tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika globali, ġusta u inklużiva bil-ħsieb li jaċċellerawha u jikkondividu aħjar il-benefiċċji tagħha madwar id-dinja.

37. Hija meħtieġa azzjoni urġenti biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura **t-telf tal-bijodiversità**. L-UE hija impenjata bis-shiġh għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal f'kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali, kif ukoll għaż-żieda fil-finanzjament tal-bijodiversità. L-UE hija impenjata wkoll li tikseb in-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art sal-2030 u tilqa' l-COP16 għall-Konvenzjoni tan-NU għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni. L-UE hija favur governanza u djalogu internazzjonali aktar b'saħħithom dwar l-oċeani u tilqa' l-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani tal-2025. L-UE tappella għar-ratifika rapida u l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali sabiex il-Ftehim ikun jista' jidħol fis-seħħ qabel il-Konferenza.
38. **It-tniġġis globali** huwa sfida mifruxa li teħtieġ aktar sforzi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali biex tiġi promossa l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli. L-UE hija impenjata għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi – Għal Pjaneta ħielsa mill-Ħsara mis-Sustanzi Kimiċi u l-Iskart. L-UE tappoġġa wkoll il-konklużjoni tan-negozjati ta' Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti ambizzjuż biex sa tmiem l-2024 jintemm it-tniġġis tal-plastik f'konformità mal-mandat tal-Ħames Assemblea tan-NU għall-Ambjent u n-negozjati dwar l-istabbiliment ta' Bord tal-Politika tax-Xjenza dwar is-Sustanzi Kimiċi, l-Iskart u biex jiġi miġġieled it-Tniġġis.

39. L-istabbiltà taċ-**ċiklu dinji tal-ilma** hija kwistjoni globali ta' tħassib tirfed il-kisba tal-SDGs kollha. Bl-istess mod, il-preservazzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ħelu u l-indirizzar tat-tniġġis u l-użu żejjed tal-ilma huma ta' importanza kbira għall-azzjonijiet klimatiċi u tal-bijodiversità, kif ukoll għas-sigurtà tal-ikel u s-saħħa. L-UE tilqa' l-eżiti ewlenin tal-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023 u hija impenjata għall-implimentazzjoni tagħhom. L-UE tinkoraġġixxi sforzi konġunti lejn sistema tan-NU aktar b'saħħitha dwar l-ilma. Dan jinkludi l-ħatra ta' Mibgħut Speċjali tan-NU dwar l-Ilma biex tiġi żgurata koerenza aktar b'saħħitha tal-aġenda tal-ilma fis-sistema kollha tan-NU, l-integrazzjoni tal-prijoritajiet relatati mal-ilma fil-proċessi rilevanti tan-NU, l-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-sistema kollha tan-NU għall-ilma u s-sanità, il-globalizzazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Ilma dwar il-protezzjoni u l-użu ta' passaġġi tal-ilma transkonfinali u għadajjar internazzjonali. Barra minn hekk, huma meħtieġa aktar kooperazzjoni internazzjonali għall-kisba tas-sigurtà tal-ilma u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma, u djalogu intergovernattiv regolari dwar l-ilma b'aktar Konferenzi tan-NU dwar l-Ilma fl-2026, l-2028 u wara l-2030 kif ukoll inizzjattivi intergovernattivi oħra dwar l-ilma.

V. Trawwim tal-fiduċja permezz ta' sistema multilaterali aktar effettiva

40. Is-Summit tal-Futur jipprovdi opportunità unika biex **jissaħħaħ mill-ġdid il-multilateraliżmu**, biex dan jiġi adattat biex jindirizza l-isfidi globali attwali u futuri, u jitnaqqas id-distakk fil-fiduċja lejn l-istituzzjonijiet fil-livelli kollha u fost il-membri tan-NU. L-UE qed tippromwovi approċċ ibbilanċjat lejn it-tliet pilastri tan-NU - it-trawwim tal-paċi u s-sigurtà, it-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni, l-irfigħ tar-responsabbiltà u l-inklużività f'fora multilaterali ser ikunu kruċjali biex tizzied il-fiduċja fis-sistema u jiġu żgurati l-effettività, is-sjieda u t-trasparenza. L-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv, filwaqt li taħdem ma' sħab mir-regġuni kollha, inkluż l-atturi tas-soċjetà ċivili, dwar Patt ambizzjuż għall-Futur u l-implimentazzjoni sinifikattiva tiegħu.

41. L-UE tappoġġa **riforma komprensiva tal-KSNU** biex dan isir aktar effettiv, inklużiv, trasparenti, demokratiku, u responsabbli, jirrifletti aħjar ir-realtajiet tal-lum billi jsaħħaħ il-vuċi tar-reġjuni sottorappreżentati, speċjalment għall-Afrika iżda mhux esklużivament għaliha. Is-Summit tal-Futur għandu jirrifletti l-progress fin-Negożjati Intergovernattivi fl-AĠNU dwar ir-riforma tal-KSNU. L-UE tappoġġa l-inizjattiva Franċiża / Messikana dwar it-trażżin tal-veto f'każijiet ta' atroċitajiet tal-massa, kif ukoll il-"Kodiċi ta' Kondotta rigward azzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà kontra l-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra".
42. L-UE tappoġġa bil-qawwa **governanza diġitali globali** b'diversi partijiet ikkonċernati u inklużiva u qed timpenja ruħha biex issawwar sistema multilaterali effettiva biex tavvanza trasformazzjoni diġitali ċentrata fuq il-bniedem u futur inklużiv, miftuħ, sikur u diġitali għal kulħadd. Bħala eżitu importanti tas-Summit tal-Futur, l-UE tappoġġa Patt Diġitali Globali (GDC) ambizzjuż, li jindirizza kemm il-benefiċċji li t-teknoloġiji diġitali jistgħu jgħibu għall-umanità kif ukoll itaffi r-riskji. Il-GDC għandu jkun sostnut minn approċċ ibbażat fuq il-valuri u d-drittijiet tal-bniedem u msejjes fuq approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati. L-UE tieħu nota tar-rapport interim tal-Korp Konsultattiv ta' Livell Għoli dwar l-IA li jikkontribwixxi għall-GDC u tistenna b'interess ir-rapport finali tiegħu għall-konsiderazzjoni fil-GDC. Il-governanza globali tal-IA għandha tkun ibbażata fuq strutturi eżistenti u d-dritt internazzjonali, u għandha titwettaq b'rispett għad-drittijiet tal-bniedem. L-UE qed taqdi rwol ewlieni f'dan il-qasam bl-adozzjoni tal-Att dwar l-IA - l-ewwel qafas legali komprensiv li qatt sar dwar l-IA.
43. L-UE tappoġġa wkoll l-iżvilupp tal-**Prinċipji Globali tan-NU għall-Integrità tal-
Informazzjoni** bħala għodda importanti biex tiġi żgurata r-responsabbiltà tad-diversi atturi involuti fl-ambjent tal-informazzjoni u biex jiġi appoġġat il-bini tal-kapaċità sabiex jitrawmu soċjetajiet reżiljenti għad-diżinformazzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu b'mod attiv biex jipprevjenu u jiġġieldu l-amplifikazzjoni u l-leġittimizzazzjoni ta' kampanji ta' miżinformazzjoni.

44. L-aġġornament u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tagħna huma biss parti mill-istampa. Il-ħolqien ta' **sħubijiet globali b'saħħithom** biex jixprunaw l-azzjoni kollettiva huwa daqstant ieħor importanti. L-UE ser tkompli timpenja ruħha mas-sħab fis-sħubija usa' tan-NU, filwaqt li tisma' b'mod attiv it-tħassib tagħhom permezz ta' sensibilizzazzjoni kontinwa, biex tibni kunsens u alleanzi transreġjonali. Il-multilateraliżmu inklużiv huwa kruċjali biex jintlaħqu l-SDGs u jiġu indirizzati l-kriżijiet li qed jiżdiedu.
45. Is-**Summit Soċjali Dinji** (WSS) jippreżenta opportunità biex jiġġedded il-kuntratt soċjali, ankrat fid-drittijiet tal-bniedem, u fil-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali tal-ILO fuq ix-Xogħol. L-UE tappoġġa l-Koalizzjoni Globali għall-Ġustizzja Soċjali fil-kontribut għall-oġġettivi tas-Summit u fl-iżgurar ta' segwitu effettiv. L-aġenda tad-WSS trid tinkludi diversi vuċijiet, inkluż is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili, speċjalment l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra.
46. Filwaqt li jibnu fuq ir-**Raba' Konferenza Internazzjonali dwar l-Stati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw** (SIDS) tal-2024, l-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom li jappoġġaw lis-SIDS fl-implimentazzjoni tal-Aġenda l-għdida ta' 10 snin ta' Antigua u Barbuda għas-SIDS. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw ukoll lill-Pajjiżi Mingħajr Kosta li qed Jiżviluppaw (LLDCs) fl-isfidi uniċi tagħhom u jistennew b'interess it-**Tielet Konferenza tan-NU dwar l-LLDCs**. Permezz tal-istabbiliment ta' sħubijiet bħala ugwali ser inkunu mgħammra aħjar biex nindirizzaw l-isfidi globali flimkien.
47. L-UE tappoġġa l-parteċipazzjoni sinifikattiva ta' **soċjetà ċivili** indipendenti, ibbażata fuq id-drittijiet u diversifikata fi proċessi multilaterali, inkluż iżda mhux limitat għal fora tad-drittijiet tal-bniedem, medjazzjoni għall-paċi u teħid ta' deċiżjonijiet. Il-parteċipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikattiva taż-**żgħażaġh** teħtieġ azzjoni speċifika, sabiex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom bħala sħab ugwali fil-proċessi ta' politika u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fis-sistema kollha tan-NU. L-UE tfakkar fl-impenn tagħha li tappoġġa l-parteċipazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikattiva tan-nisa u ż-żgħażaġh, fid-diversità kollha tagħhom, inkluż fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u politika, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024. L-UE tinkoraġġixxi wkoll l-inklużjoni ta' delegati taż-żgħażaġh frappreżentanzi nazzjonali u tal-UE. Barra minn hekk, l-UE tilqa' d-Dikjarazzjoni dwar il-Ġenerazzjonijiet Futuri bħala eżitu importanti ieħor tas-Summit tal-Futur, li tiffoka fuq, fost l-oħrajn, l-applikazzjoni tal-prospettiva fit-tfassil tal-politika biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-ġenerazzjonijiet futuri.